# FESTA SAN GUZEPP



MSIDA



5 ~ 17ta' Lulju

1983

# PROGRAMM

Buy the best Buy SIEMENS




**APLAN LIMITED**

Offices: First Floor 33, Msida Sea Front, Msida. Tel: 38434/36556
Showrooms: 34, Msida Sea Front, Msida Tel: 38434
Testaferrata Street, Msida. Tel: 36556
73, St. Paul Str., Cospicua. Tel: 824535.

**AND DEALERS THROUGHOUT MALTA & GOZO**



LILEK
ĠUŻEPPI MQADDES MISSIER PUTTATTIV
TA' KRISTU L-FEDDEJ
GĦARUS TA' MARIJA BLA TEBGĦA,
IL-POPLU MISIDJAN
LI LILEK MINN ŻMIEN DEJJIEMI GĦAŻLEK
TIEGĦU L-PATRUN
DAN IL-PROGRAMM TA' FESTA F'ĠIEĦEK
BIL-QALB
JIDDEDIKA.




Trade Enquires: 624109

# MESSAĠĠ TAL-KAPPILLAN

BILKEMM tkun għaddiet il-Festa, meta aħna nibdew naħsbu għall-festa tas-sena d-dieħla. Dan nagħmluh għaliex nafu li l-Festa titlob ħafna ħsibijiet, ippjanar u xogħol. B'hekk kull sena l-festa tista' tirnexxi kif aħna lkoll nixtiequ.

Iżda naħseb li kulħadd jifhem li meta ngħidu li l-Festa tirnexxi dan ngħiduh mhux biss għaliex fil-festa jkollna ħafna nies, jew għaliex inkunu se nżanżnu xi opri ġodda, jew għaliex ikollna ħafna nar u marċijiet brijużi! Dawn tajbin iżda mhux kollox!

Il-festa tirnexxi tassew meta aħna nieħdu l-okkażżjoni tal-festa biex aħna lkoll nimxu 'l quddiem fl-imħabba tagħna lejn Alla u lejn xulxin. U, għalhekk, il-Knisja tridna nagħtu ġieħ lill-qaddisin... fil-każ tagħna San Ġużepp. Jekk aħna nieqfu naħsbu ftit, naraw kif San Ġużepp propju għex fl-imħabba kbira lejn Alla u lejn il-proxxmu tiegħu. Meta aħna f'ħajjitna nfittxu li nimitawh... allura għalina l-festa tkun tassew irnexxiet!

Jiena nixtieq f'ismi u f'isem il-Kleru nagħtikom il-Festa t-Tajba u j'Alla San Ġużepp ibierek il-familji tagħkom.

Dun Ġużepp Pace, Kappillan


QUEEN ANNE FURNITURE

PROP.

*Joe Mifsud & Tony Mizzi*

99, VALLEY ROAD, MSIDA

SETTIJIET TAS-SODDA,
TAL-PRANZU, SALOTTI,
SIĠĠIJIET U KITCHEN CUPBOARDS

# AVIS

## RENT A CAR

50 Msida Seafront, MSIDA.

Tel: 626640, 24341



# J. LAUTIER Co.

GHAL KULL XOGHLIJIET
TA' TWIEQI TA' L-ALUMINIUM
F'DIVERSI KULURI,
TWIEQI TAL-HADID IGGALVANIZZATI,
HADID GHAT-TARAĠ,
etc., etc.

Ejja għandna u toħroġ sodisfatt żgur.
Assortiment kbir ta' Disinji u Qisien,
ipprovduti flimkien ma' Xogħol Tajjeb u ta' Malajr.

Irrikorru: J. LAUTIER Co.
TOWER STREET, MSIDA
TEL: 42099

# Messaġġ mill-Kummissjoni Amministrattiva

MAL-WASLA tax-xahar ta' Lulju, qalb il-Misidjani timtela bil-ferħ, l-għajta ta' "Viva San Ġużepp" tibda tidwi mat-toroq tal-Parroċċa. L-Imsida sabieħa s-sena kollha, tieħu sura isbaħ fil-jiem ta' matul il-Festa bl-armar u d-dwal ikkuluriti. Il-faċċata tal-Knisja Parrokkjali filgħaxija mixgħula b'għadd kbir ta' bozoz, għaxqa tagħna u tal-barranin li jiġu jżuruna. Hi monument ħaj tal-Fidi li missirijietna dejjem kellhom fil-Mulej, u taħt il-ħarsien ta' Ġużeppi ta' Nazaret, fil-ferħ u fin-niket, iltaqgħu taħt dan is-saqaf mimli sagrifiċċji ta' missirijietna, u taw qima lill-Mulej Alla ta' l-eżerċti.

"Viva San Ġużepp". Għalxejn nifirħu u ngħajtu, jekk ġo qalbna ma jsaltnux il-paċi u l-imħabba. Niftakru mela f'dawn il-jiem f'min hu fil-bżonn, imnikket jew imġarrab. Imbagħad l-għajta ta' "Viva San Ġużepp" tkun verament għajta li turi l-entużjażmu qaddis li jixraq jintwera anke esternament fil-Festa sabieħa li aħna l-Misidjani nagħmlu.

Ejjew mela flimkien, din is-sena wkoll, permezz ta' dan il-programm li qegħdin nippreżentawlkom, nieħdu sehem sħiħ, billi nersqu għas-Sagramenti u mbagħad nifirħu flimkien bħala familja waħda Misidjana wlied San Ġużepp.

Il-ħajr tagħna jmur ukoll lil dawk kollha li matul is-sena b'sagrifiċċċju sħiħ jagħtu l-għajnuna tagħhom biex il-Festa tkun suċċess.

Il-Festa t-Tajba.


# TACSUM

Għal varjeta' ta' LINEF u WALL Brackets ta' kwalita' superjuri, bi KRISTALL ĠENWIN SWAROVSKI,
għal Kolonni, Funtani, u oġġetti oħra ta' l-Alabastru,
għal ARLOĠĠI — mantlepiece, tal-bronz, onyx, capo di monte eċċ.,
għal FANALI ta' barra tal-ALUMINJU
mur għand

**TACSUM — 25, Marina Str., Pietà**

u ma jiddispjaċikx żgur li tkun mort, jew għal dak li tixtri.

**TACSUM — għall-KWALITA'**

**(TACSUM - Aġenti lokali tal-Kristall famuż SWAROVSKI)**

SER TIZZEWWEĠ JEW GHANDEK
XI OKKAZZJONI?

MELA ASAL WASLA SAL-

**MERLIN Car Hire**

Mountbatten Streeet, Blata l-Bajda

**FEJN JOFFRULEK SERVIZZI
MILL-AHJAR**

Teel: 23131 - 625838

**HOTEL DELPHINA**

Dragonara Road, St. Julians

Tel. 35621/2, 513356

*WELL STOCKED BAR & RESTAURANT*

**OPEN TO NON RESIDENTS**

Specialising in Italian Dishes

## Il-Kummissjoni Amministrattiva:

Wisq. Rev. Kappillan Dun Ġużepp Pace, President.
Is-Sur Lino Bartolo, Segretarju.
Dun Anton Caruana u Dun Ġużepp Mifsud, Membri.

**Għaqda Armar u Nar Naħa ta' Ġewwa:**
President: N. Chircop. Membri: Louis Betts, Alfred Baldacchino, Victor Baldacchino, Louis Baldacchino, Tony Betts, Victor Camilleri, Raymond Azzopardi, Ġużi Tedesco, Edward Zammit, Tony Grima, Raphel Spiteri, Sunny Pace, Alfi Meagher, Johnny Agius, Anthony Debono, Sunny Sultana, Ray Sultana, Patrick Ciantar, Ray Camilleri, Joe Cauchi, Joe Bouvet, Marco Saliba, Ray Abela, Ġorġ Dimech, Alfred Farrugia.

**Naħa ta' Barra:**
President: Charles Sghendo. Membri: Joe Tedesco, Ray Zammit u Christopher Hili.

**Tajjeb li tkun taf:**
Li matul din is-sena l-Għaqda Armar u Nar tan-Naħa ta' Ġewwa rrestawrat 16-il kolonna u 16-il Anġlu li jintramaw ġo Valley Road, flimkien ma' sett ta' brazzi ġodda għall-istess Anġli. Għal dan ilgħan il-Kummissjoni Amministrattiva tat sussidju ta' £M180.


**GUIDO'S PHOTO STUDIO**

Għal Cine u Ritratti Kulur u
Black & White
Għal Tiġijiet, Engagements,
Magħmudijiet, Parties,
eċċ., eċċ.,
Issibu Films, Cameras,
Flash Guns,
Albums, eċċ., eċċ.
Żviluppar ta' Ritratti Kulur
u Black & White

**17, MONS. FALZON STR.**
(BY MSIDA CHURCH)
**MSIDA**
**TELEPHONE 512160**

# INVESTU FLUSKOM TAJJEB

## GHALL-BEJGH BI PREZZIJIET IRHAS

Biċċiet ta' Art bil-permess għall-bini f'diversi nħawi ta' Malta, kif ukoll Djar kompluti minn kollox, jew ġebel u saqaf biss, kif ukoll Flats.

IRRIKORRU:

JOHN C. MICALLEF

**163, MARINA WHARF, PIETA'**

**ĊEMPLU: 21835, 36620, 43935**

## U ŻGUR TOHORĠU SODISFATTI

# CONFORT LIMITED

**Travel Agents and Tour Operators**

## FOR TRAVEL AND INSURANCE

Windsor Tours to London — Austrian Airlines to Vienna
Various individual tours to Rome and Lourdes, London and Paris, U.K., Belgium, Holland, Germany, Scandinavia etc.
Sicily: Day returns and extended stay

**— CONTACT US FOR FULL DETAILS**

Also: PHOTOCOPY BUREAU — Translations of Business and general documents Arabic / English / Italian / French and vice versa.

**CONFORT LIMITED — 218 Conception Str., Msida**
**Palma Sqr.** (near bus stop)
**Telephone: 36993**

Licence: C/7

# PROGRAMM TAN-NAR

# FESTA 1983

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd, 10 ta' Lulju: | Waqt il-ħruġ tal-vara min-niċċa ħruq ta' murtali. |
| L-Erbgħa, 13 ta' Lulju: | Wara l-Barka Sagramentali ħruq ta' murtaletti.<br>Waqt il-marċ mill-Banda "King George V" tal-Imqabba, li hu organizzat mill-Għaqda tan-Nar, ħruq ta' murtali. |
| Il-Ġimgħa, 15 ta' Lulju: | Waqt il-marċ tradizzjonali ħruq ta' murtali tal-logħob, u murtaletti. |
| Is-Sibt, 16 ta' Lulju: | Waqt it-Te Deum, ħruq ta' murtali u murtaletti. Waqt it-Transulazzjoni fis-6.30 p.m. ħruq ta' murtaletti u kaxxa nfernali.<br>Fl-10.00 p.m. Wirja kbira ta' logħob tan-nar ta' l-ajru u kaxxa nfernali miġbura minn Sunny Sultana.<br>Fl-10.30 p.m. Logħob tan-nar ta' l-art u wara kaxxa nfernali, organizzat mill-Kummissjoni Amministrattiva u maħdum mill-Għaqda 19 ta' Marzu. |
| Il-Ħadd, 17 ta' Lulju: | Waqt il-Marċ ta' Filgħodu ħruq ta' murtaletti, miġbura minn Sunny Pace u Alfio Meagher.<br>Fil-ħruġ tal-Purċissjoni: Salut, kaxxa nfernali, murtali tal-logħob miġbura minn Sunny Pace u Alfio Meagher.<br>Jakkumpanjaw il-purċissjoni diversi settijiet ta' murtaletti.<br>Fid-9.30 p.m. murtali tal-kulur u tal-logħob flimkien ma' kaxxa nfernali.<br>Fid-dħul tal-Purċissjoni: Logħob tan-nar ta' l-art u kaxxa nfernali tal-kulur. |

L-Għaqda tan-Nar li kienet responsabbli għall-ġbir tixtieq tirringrazzja lill-Misidjani kollha li taw l-għajnuna tagħhom u lid-Diriġenti tal-Kamra tan-Nar ta' Lourdes, il-Qrendi.

# PELLEGRINAĠĠ GĦALL-MADONNA TA' PINU

## IL-ĦAMIS, 21 TA' LULJU

Fl-okkażżjoni tas-SENA MARJANA, se jiġi organizzat PELLEGRINAĠĠ PARROKKJALI mmexxi mill-Kappillan għas-Santwarju tal-MADONNA TA' PINU F'GHAWDEX.

Tiġi preżentata TIFKIRA lill-istess Santwarju waqt Quddiesa mill-Kappillan.

Kull min jieħu sehem, jingħata TIFKIRA.

Wara l-Quddiesa, inkomplu l-ġurnata flimkien ħdejn il-baħar. Il-Misidjani kollha huma mħeġġa li jieħdu sehem.

**Aħsbu għall-biljetti kmieni**

# GITA GĦAL SQALLIJA

**B'RISQ IL-PARROĊĊA**

## 13 - 19 t'AWISSU 1983

Bl-Ajru jew bil-Baħar — Imexxi Dun Ġużepp Mifsud

**Prezz B/B - Bl-Ajru: £M65.00.0 - Bil-Baħar: £M55.00.0**

Programmi, Informazzjoni u Booking:

| | |
|---|---|
| Uffiċċju Parrokkjali | Tel. 34949 |
| Dun Ġużepp Mifsud | Tel. 33151 |
| Miss Maria Gallo | Tel. 28804 |

"CONFORT TRAVEL AGENCY"
Pjazza Palma, l-Imsida. Tel: 36993

**Żmien għall-Booking sa l-20 ta' Lulju.**

**Postijiet Limitati: Min jibbukkja l-ewwel, jinqeda l-ewwel.**

# PROGRAMM

## ĠRANET TA' THEJJIJA:

It-Tlieta, 5: **7.00 p.m.** Laqgħa ta' merħba lill-Kwadru Nkurunat tal-Madonna Ta' Pinu fuq iz-zuntier.

L-Erbgħa, 6: **Jum il-Karità**
**Intenzjoni:** Nitolbu għal dawk kollha li huma fil-bżonn.
**Prattika:** Nieħu ħsieb li llum naqsam xi ftit mill-ġid tiegħi biex inferraħ lill-oħrajn fil-bżonn. Il-ġbir li jsir fil-quddies kollu jkun b'risq il-familji fil-bżonn. Inkunu ġenerużi.
**Fis-6.30 p.m.** Quddiesa minn Patri Adrian Cachia O.F.M. bħala konklużjoni ta' l-Erbgħat ta' San Ġużepp bl-Omelija dwar "S. Ġużepp — Bniedem ta' karità."

Il-Hamis, 7: **Jum il-Vokazzjonijiet**
**Intenzjoni:** Noffru t-talb tagħna kollu, speċjalment il-Quddiesa u t-Tqarbina tal-lum, biex Ġesù jkattar il-vokazzjonijiet filwaqt li jsaħħaħ u jqaddes lil dawk li diġà qegħdin jaħdmu fil-qasam tiegħu.
**Prattika:** Jekk taf lil xi żgħażagħ imħeġġa li jimxu wara Ġesù bħala saċerdoti jew reliġjużi, ħeġġiġhom biex jitkellmu ma' xi saċerdot ħalli jgħinhom fit-tweġiba tagħhom lil Ġesù.
**Fis-6.30 p.m.** Quddiesa Konċelebrata mis-saċerdoti tal-Parroċċa, immexxija mill-W.R. Mons. Laurence Gatt B.A. (Hons.), Lic.D., J.C.D. Rettur tas-Seminarju, bl-omedija dwar: "Ejja, imxi warajja".
**Fid-9.00 p.m.** Siegħa Adorazzjoni għat-tqaddis tal-festa.

Il-Ġimgħa, 8: **Jum iż-Żgħażagħ**
**Intenzjoni:** Iż-żgħażagħ kollha jagħrfu s-sbuħija taż-żgħożija, l-aktar billi jfittxu jużaw it-talenti tagħhom għal ġid ta' l-oħrajn.
**Prattika:** Infittxu li naraw iżjed it-tajjeb milli l-ħażin fiż-żgħażagħ tagħna u ngħinuhom, fejn nis-

# CARINI STORES

## IMPORTERS OF BATHROOM SUITES &

## SANTERNO CERAMIC TILES

435, ST. JOSEPH HIGH ROAD, ST. VENERA

TEL: 40202



# JOSEPH AQUILINA

**231, VICTORY STR., QORMI – TEL: 47394**

Għal kull kwalità ta' xogħol ta' metall.

Gaġeġ tal-fniek u tat-tiġieġ, trunking u channels għall-elettriku, landi għad-dulċiera, ferro battuto, xogħol ta' ram, eċċ.

Jispeċjalizzaw fil-kostumi tas-suldati Rumani u f'diversi oġġetti li jintużaw fil-purċissjonijiet.

tgħu. Wara l-Quddiesa ta' fil-għaxija, "Wine & Pizza Party" għaż-żgħażagħ.
**Fis-6.30 p.m.** Quddiesa Folk minn Dun Joe Calleja bl-omelija dwar "F'San Ġużepp, iż-żgħażagħ jaraw il-veru mudell tagħhom."

Is-Sibt, 9:

**Jum il-Familja:**
**Intenzjoni:** Nitolbu biex il-miżżewġin kollha jagħrfu aħjar x'inhu l-ħsieb veru t'Alla fuq iż-żwieġ u l-familja.
**Prattika:** Illum jiġu mistednin il-miżżewġin ġodda tal-Parroċċa għal Quddiesa tal-Familja.
**Fis-6.00 p.m.** Quddiesa tal-Familja minn Dun Louis Camilleri, Ass. Direttur tal-Moviment ta' Kana, li fiha titqassam Santa bit-talba għall-familja lil miżżewġin ġodda preżenti.
**Fis-7.00 p.m.** Tberik ta' L-OPRI ĠODDA mill-Kappillan u, wara, quddiesa.

Il-Ħadd, 10:

**Jum l-Għaqdiet ta' l-Appostolat**
**Intenzjoni:** Nitolbu biex, permezz tal-membri ta' l-Għaqdiet, il-Knisja tkun preżenti fl-oqsma kollha tal-ħidma tal-bniedem.


ENKA

Sponge Cloth, Floor Cloth,
Household Cloth, Sponges,
Car Chamois Leather

SOLE AGENT:

EMMANUEL CASSAR

'EMMGLAD', VALLEY ROAD — MSIDA.

Tel: 43477

**Prattika:** Qatt ħsibt li timpenja ruħek f'xi Għaqda ta' l-Appostolat li hawn fil-parroċċa tagħna biex b'hekk, ma' l-oħrajn, tagħmel il-ġid lill-oħrajn?
**Fl-10.30 a.m.** Quddiesa soċjali mill-W.R. Kan. Dun Victor Cilia, B.A., Lic.D., Arċipriet ta' Bormla bissehem sħiħ tal-membri tal-Kunsill Parrokkjali u tal-membri kollha tal-Għaqdiet ta' l-Appostolat. Isir it-tiġdid tal-wegħdiet ta' l-Appostolat.
**Fis-6.00 p.m.** Quddiesa Solenni u, wara, il-ĦRUĠ SOLENNI ta' l-istatwa ta' San Ġużepp min-niċċa. Wara Fiera kbira b'risq il-festa.
Illum fil-quddies kollu ssir ĠABRA SPEĊJALI — rigal lill-parroċċa fl-okkażżjoni tal-festa.

## ĠIMGĦA TAL-FESTA:

It-Tnejn, 11: **Jum il-Misidjani Mejtin**
**Intenzjoni:** Nitolbu għall-għeżież mejtin tagħna Misidjani.
**Prattika:** Naħsbu ta' sikwit li ħutna mejtin li raqdu fi Kristu qegħdin igawdu 'l Alla għal dejjem u jnisslu fina xewqat tas-sema.
**Fis-6.30 p.m.** Quddiesa Solenni mill-Kappillan li fiha nitolbu għall-mejtin Misidjani kollha.
**Wara:** Wiri ta' films dwar il-Festa.

It-Tlieta, 12: **Jum it-Tfal**
**Intenzjoni:** Nitolbu għat-tfal kollha Misidjani biex dawn, bħat-tfajjel Ġesù, jikbru "fil-għerf, fit-tul u fil-grazzja quddiem Alla u quddiem il-bnedmin" (Luqa 2,52).
**Prattika:** Inħeġġu lil uliedna tfal biex jersqu lejn is-sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin u jieħdu sehem fil-quddiesa, jekk jista' jkun, kuljum.
**Fil-5.00 p.m.** Laqgħa għat-tfal kollha fil-Knisja, li fiha jintwera feature dwar il-Festa.
**Fis-6.00 p.m.** Ċelebrazzjoni Ewkaristika mmexxija minn Dun Ġużepp Mifsud, Direttur ta' l-Abbatini.
**Fis-6.30 p.m.** Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Kappillan, li fiha ssir it-tmintax-il VESTIZZJONI tal-Abbatini tal-Parroċċa.

# Patrick's

## WOODWORKS

49A, BORDIN STREET, MSIDA.

Tel: 606941

Showroom

22, BORDIN STREET, MSIDA.

ATLAS STORE

*

Ironmonger.
Electrical &
Water Fittings
Suppliers.

TOWER GATE
STR.,

MSIDA

Proprieor: **JOSEPH DEGUARA** Tel. No. 516928

diem il-Knisja.

**10.30 p.m.** Logħob tan-nar kbir organizzat mill-Kummissjoni Amministrattiva u d-dilettanti Misidjani.

Il-Ħadd, 17: **JUM IL-FESTA**

6.00 a.m. Quddiesa mill-W.R. Dun Joe Bajada Lic.D., J.C.D.

7.00 a.m. Quddiesa mill-W.R. Kan. Dun Viċenz Cachia, Kappillan ta' Ħad-Dingli.

8.00 a.m. Quddiesa Folk mill-W.R. Patri Ġorġ Frendo O.P., Kappillan ta' Fatima, Gwardamanġa.

9.00 a.m. Quddiesa Solenni Pontifikali Konċelebrata mill-Illmu u Revmu Mons. Innoċenz Borg B.A., Lic.D. flimkien mal-Kappillan u l-Kleru tal-Parroċa.

Jinseġ il-Paniġirku l-W.R. Kan. Dun Lawrenz Mifsud Lic.D., Arċipriet tas-Siġġiewi.

11.00 a.m. Quddiesa mill-W.R. Kan. Dun Walter Cauchi, Kappillan tal-Gżira.

12.00 a.m. Quddiesa mill-W.R. Dun Charles Abela, Kappillan ta' Wied-il-Għajn.

6.00 p.m. Quddiesa Solenni Konċelebrata mill-W.R. Dun Bernard Gafà B.A., Lic.D., missjunarju fil-Brażil.

7.00 p.m. Purċissjoni bl-istatwa għażiża ta' San Ġużepp, immexxija minn Mons. Innoċenz Borg B.A., Lic.D. Wara, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

9.30 a.m. Marċ brijuż mill-Banda "Melita" tal-Imsida.

6.15 p.m. Marċ mill-Banda "San Ġużepp" ta' Ħal-Għaxaq, li wara jilqa' l-ħruġ tal-Istatwa ta' San Ġużepp bid-daqq tal-Innu Popolari u takkumpanja l-Purċissjoni bid-daqq ta' Marċi ferrieħa.

---

# Tajjeb li tkun Taf:

Il-Misidjani kollha huma mħeġġa biex jersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin fil-jiem tal-Festa.

Mhux permess li nidħlu naraw il-Knisja bi lbies mhux xieraq għad-Dar t'Alla. Ftakru li meta żżuru l-Knisja, qabel kollox, tagħmlu viżta lil Ġesù Sagramentat.

Il-Misidjani huma mistiedna biex joffru bukkett fjuri għal quddiem l-istatwa ta' San Ġużepp, b'mod speċjali l-għaqdiet u l-Każini.

# MORGAN'S PERFUMED POMADE

for restoring Grey Hair to its original colour and preventing it turning grey or falling off.

TRADE ENQUIRIES:

## JOSEPH CASSAR LTD.

54 MELITA STREET, VALLETTA

TEL: 624/10/26908

# SUNRISE PARK HOTEL

**Pope John XXIII Street, Birkirkara. Tel: 44181/2/3**

## SALA SABIEHA

Tinkera għat-Tiġijiet, Engagements, Griżma, Magħmudijiet, Coffee-Mornings, Parties, u Okkażjonijiet oħra. Prezz moderat.

---

GHANDEK QRABATEK JEW HBIEB ĠEJJIN MIS-SAFAR? GHANDHOM BŻONN FURNISHED FLATS GHAL ŻMIEN QASIR/TWIL, F'B'KARA, F'BUĠIBBA U F'GHAWDEX — BI PREZZ MODERAT?

**IRRIKORRI GHANDNA**

Dan għandhom jagħmluh lejlet il-festa fil-għodu.

Anke din is-sena, l-ebda bukkett ma għandu jkollu fih jew imwaħħal miegħu xi arma jew badge jew distintiv ieħor jew żigarelli bl-isem ta' min joffrih. L-isem ta' min joffrih għandu jinkiteb biss fuq il-biljett apposta li qed jiġi magħmul għal kulħadd xorta mill-Kummissjoni Ammistrattiva, u li jista' jinkiseb b'xejn mill-Knisja. Biex ma ssirx ħsara lill-istatwa, bħas-soltu, mhux ser jinxtegħel xema' żgħir meta din tkun barra min-niċċa. Għalhekk, il-flus li jingħataw għax-xema', jinġabru flimkien u jinxtegħel xema' tal-molol. B'dan il-mod, min ikun għamel wegħdi ta' xema' xorta waħda jissodisfa l-wegħda tiegħu u, fl-istess ħin, inkunu qegħdin nagħmlu ħilitna biex inħarsu l-istatwa minn kull ħsara.

Nuru l-ferħ tagħna u l-għaqda billi nżejnu u nixegħlu d-djar tagħna.

Il-marċijiet ifissru ferħ. Dan il-ferħ għandu jkun ferħ nisrani, ferħ ta' mħabba lejn San Ġużepp u ta' Għaqda bejnietna. Għalhekk aħna nikkundannaw bil-qawwa kull esaġerazzjoni ta' xorb u kliem mhux xieraq waqt dawn il-marċijiet li jistgħu jagħtu isem ikrah lill-festa tagħna u l-Parroċċa.

Nagħmlu appell lil kulħadd biex ma jinxteħtux fjuri u kwantitajiet kbar ta' karti fuq l-istatwa li hija tant għal qalb il-Misidjani kollha. Nistennew, għalhekk, il-koperazzjoni ta' kulħadd biex ma ssirx ħsara.

**Il-Kummissjoni Amministrattiva żżomm id-dritt li tbiddel mingħajr avviż dak kollu li jkun jenħtieġ fil-Programm.**


# KING'S GATE PUB

UNIVERSITY HEIGHTS

TAL-QROQQ

Prop. ALFRED STIVALA

## BAR & POOL ROOM

## THE IDEAL RESTING PLACE FOR EVERY EVENING

# OPRI ĠODDA 1983

## 1. XOGĦOL TAĦT IN-NAVI

Wara li tlestiet il-koppla, u wara li tħallsu l-kontijiet kollha, il-Kummissjoni Amministrattiva ħasbet biex tibda x-xogħol taħt in-navi. Dan sar l-iktar billi kellna xi skultura diġà lesta u wkoll minħabba li wasal il-waqt li l-koppletti ssirilhom manutenzjoni kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa. Għal dan ix-xogħol beda jsir "fond" minn nies voluntarji li qegħdin joffru 50c fix-xahar bħal ma kien sar fix-xogħol tal-koppla. F'Jannar li għadda nbeda x-xogħol fuq il-koppletta ta' Sant Antnin, u nisperaw li din tkun lesta għall-jiem tal-Festa. Ix-xogħol u d-disinn sar mis-Sur Joe D'Amato taż-Żurrieq, waqt li d-disinn tal-locc sar mis-Sur Joseph Galea tar-Rabat. Ix-xogħol taż-żebgħa sar b'xejn mis-Sinjuri Joe Balzan u Lino Bartolo, waqt li s-Sur Carmelo Sciberras ħa ħsieb il-ġbir tal-pledges. L-induratura saret mis-Sur France Xuereb tad-Ditta Coleiro tal-Belt.

## 2. TWIEQI TAL-KURSIJA U TAL-KAPPELLUNI

Il-Knisja bħad-dar dejjem jonqos, u wara li rajna kemm ġew sbieħ it-twieqi tal-koppla, ħassejna li dawk tal-kursija u tal-kappelluni qegħdin jistonaw bis-sħiħ mal-ambjent sabiħ tal-Knisja. Għalhekk fuq disinn tas-Sur Joseph Galea tar-Rabat bdejna wkoll dan il-proġett tat-twieqi. Nisperaw li sal-Festa jkollna 4 twieqi lesti. Dawn inħadmu mid-ditta Joe Lautier tal-Imsida filwaqt li x-xogħol tal-ħġieġ sar mid-ditta Napoleon Grech ta' Tas-Sliema.


WATERPROOFING SPECIALISTS
GUARANTEED FOR FIVE YEARS

MASONS CO. LTD.

MASONS BUILDINGS,
86, THE STRAND, SLIEMA
Tel. 33233 - 511890.
FREE ESTIMATES

### 3. KOTBA TAL-KANT

Matul is-sena ġew ukoll mixtrija kotba tal-kant biex jintużaw waqt il-funzjonijiet liturġiċi. Din hija t-tieni darba li fil-parroċċa qed nistampaw dan il-ktieb. L-ewwel wieħed kien ġie stampat fis-sena 1975. Għalhekk issa iktar minn qabel wieħed għandu jieħu sehem sħiħ fil-kant waqt il-quddies u funzjonijiet liturġiċi. Billi dawn il-kotba swew ħafna flus, jixraq li kulħadd jibża' għalihom u jieħu ħsiebhom. Biex wieħed ikun jista' jieħu sehem fil-kant, saru wkoll żewġ tabelli tal-perspex mal-pillastri maġġuri bin-numri.

Matul is-sena wkoll sar sett ta' tliet pjaneti gotiċi bojod, sett trieħi għall-artal-maġġur u ġew restawrati żewġ lampieri antiki biex jitqegħdu ħdejn in-niċċa tad-Duluri fil-jiem tal-festa.

### XOGHOL FIL-KNISJA TAL-KUNĊIZZJONI

Matul is-sena tlesta x-xogħol kollu tal-brix u t-tikħil tas-saqaf. Nisperaw li matul din is-sena li ġejja nibdew ix-xogħol fuq il-parti t'isfel. Hadna ħsieb ukoll biex jiġu restawrati ż-żewġ kwadri antiki ta' maġenb l-artal, kif ukoll restawr tal-istazzjonijiet tal-Via Sagra.

### HAJR

Irridu għalhekk nirringrazzjaw lill-Misidjani kollha tal-għajnuna li dejjem tawna, speċjalment lill-aħwa Alfred u Joe Stivala li ħallsu għall-ispejjeż ta' waħda mit-twieqi, kif ukoll lill-Familja Gallo li għamlet waħda mil-lunetti ta' Sant Antnin. Lis-Sur Carmelo Sciberras li matul is-sena kollha jagħti bil-qalb l-għajnuna tiegħu, kif ukoll lid-dilettanti tal-Festa tax-xogħol u s-sgrificċju li jwettqu biex ikollna festa xierqa.


**FIRM GIO. BATTA ABELA**

TRUNK ROAD - MARSA
TEL: 24144

**MERCHANTS IN BUILDING MATERIALS**
**PRINT LAMINATED PLASTIC &**
**HARDWARE**
**WHOLESALE & RETAIL**

# IL-PITTURA FIL-KNISJA PARROKKJALI TAL-IMSIDA

**Parti minn studju tal-KAV. JOS. BORG, K.M., Ph.C., L.P., li ġie moqri fl-Inawgurazzjoni tal-Koppla fit-12 ta' Lulju, 1983**

FI ŻMIEN il-Kappillan Dun Innoċenz Zammit inbdiet il-pittura tas-saqaf tal-Knisja dik tal-apside prinċipali fl-1945 mill-pittur Anton Inglott, mill-Hamrun u li kien igħix fl-Imsida (1915-1945), li tifforma l-kapolavur tiegħu, u li turi l-"Mewt Qaddisa ta' San Ġużepp" assistit minn Ġesù li qiegħed joffri ruħ San Ġużepp lill-Missier Etern Tiegħu waqt li jgħid "Omnipotens Benedicit tibi — il-Kollox-Setgħani jbierkek", u mbikki minn martu Marja u min-nisa twajba Marija ta' Kleofa, Marija ta' Magdala, oħtha Marta u ħuhom Lazzru u mdawwar minn qtajja' ta' Anġli jfaħħru l-Ġustizzja, l-Imħabba, it-Tama, il-Fidi u l-Umiltà tal-Kbir San Ġużepp. Anton Inglott kien pitter ukoll għal din il-knisja l-inkwadru żgħir ta' Santa Tereża minn Lisieux jew tal-Bambin Ġesù jew "Il-Warda ż-Żgħira" fin-nava tal-istatwa tar-Ružarju. B'dispjaċir kbir ftit jiem wara kien mejjet u b'rispett ġibuh hawn f'din il-knisja, wara l-funeral f'Tas-Sliema fejn mar joqgħod meta żżewweġ u fejn miet.

Il-pitturi l-oħra kollha tas-saqaf saru mill-artist Kavalier ta' San Silvestru EmmVin Cremona mill-Belt. Il-pittura ta' fuq il-kor turi l-Missier Etern, Sid tad-dinja u ta' l-univers kollu, u li San Ġużepp kien jirrappreżenta fil-Familja Qaddisa ta' Nażaret, waqt li fil-lemin hemm Eva omm il-bnedmin kollha fl-ordni tan-natura bil-figuri ta' bosta Patrijarki bħar-Re David, Mose', Salamun u Żakkarija kif ukoll ta' Eliżabetta u Marija; u fix-xellug hemm Adam, il-"capo stipite" tal-ġeneru Uman, flimkien ma' figuri oħra kemm tar-Rabta l-Qadima, bħal Abram, Sara, Ġakobb, ir-Reġina Ester u Ġuditta u l-ewwel fosthom fl-ordni tal-meritu u l-ikbar fost il-Profeti hemm San Ġwann l-Għammiedi naturalment dan tar-Rabta l-Ġdida.

Fl-1954 saret il-pittura ta' l-arzella fil-kappellun ta' fuq l-artal tal-"Madonna tar-Ružarju" li tirrappreżenta t-"Twelid tal-Bambin" — "Filius datus est nobis — ingħatalna Iben" (Iżaija, kap. 9, vers 6), fejn il-pittur Kavallier Cremona għamel lill-Madonna turi lil Binha Ġesù lill-folla ta' nies twajba u lill-Anġli tas-sema u l-Ewwel fost kulħadd lil San Ġużepp fuq il-lemin u lill-Arkanġlu San Mikiel (Mikiel ifisser 'Min bħal Alla — Quis ut Deus") bix-xabla 'l isfel fuq ix-xellug biex ifisser li Kristu rażżan il-ħażen u lix-xitan; il-pittura ta' maġenbha turina l-kewkba li dderiġiet lis-Slaten Maġi: Baldassare ta' Tarsia, Gaspar l-ismar tal-Għarabija u Melkjorre ta' Saba lejn Kristu x-Xemx tal-ħolqien kollu li jidhru fl-erbat iġnub flimkien ma' Anġlu li deher isejjaħ lir-ragħajja u jqajjem lill-familji mill-irqad għall-aħbar il-kbira u unika fl-istorja tal-bnedmin rappreżentati fiż-żewġ mitri jew trijangli.

Fl-1955 saret dik fl-apside tal-kappellun l-ieħor tal-artal tal-"Kruċifissjoni jew tad-Duluri" li turi "Il-Familja Mqaddsa — Putabatur Filius Joseph — kienu jaħsbuh iben Ġużeppi" (San Ġwann, kap. 6, vers 42), hemm miktub ħdejn dil-pittura, fejn l-artist jurina l-ħanut tal-mastrudaxxa ta' Nażaret biż-żagħżugħ Ġesù jgħin fix-xogħol tas-serrieq lil San Ġużepp xi ftit għajjien, imħarsin mill-Missier Etern, waqt li l-Madonna tirranġa xi biċċa drapp fuq ix-xellug, u Anġlu bis-Salib tar-Redenzjoni, imsiemer u tnalja fuq il-lemin. Il-pittura ta' fejnha turi dehra tal-Ispirtu Santu f'forma ta' ħamiema, l-Għajn tal-Ħajja, Qdusija u Dehen tal-fidili kollha, jinżel fuq Ġesù meta Dan għażel li jitgħammed minn San Ġwann, waqt li fil-ġnub l-oħra kollha jidhru nisa u rġiel li kienu għadhom kemm telgħu mix-xmara Ġordan tal-Magħmudija. Fiż-żewġ mitri jidhru żżewġ profeti speċjali, — (li Alla għażilhom qabel twieldu bħalma għamel ma' San Ġwann Battista, u bħalma b'raġuni ikbar għandna għax naħsbu li għamel, biex ma jonqosx ma' Marija Sanissima, il-Bint, l-Omm u l-Għarusa ta' Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu Santu, li jipprovdilHa l-aħjar fost l-irġiel kollha, mal-ippredestinat San Ġużepp) —, irrid ingħid Iżaja — is-Sinjur sejjaħli b'ismi meta kont għadni ma twelidtx", u Ġeremija tal-penitenza, u li għalhekk im-pitter b'sidru għeri u b'kuluri oskuri: "Jiena kont nafek jew għamiltek tiegħi qabel sawwartek għand ommok: u qabel ma twelidt qaddistek."

L-aħħar xogħlijiet ta' pittura fi żmien il-Kappillan Zammit saru fl-1956, u difatti ġew inawgurati s-sena ta' wara mis-suċċessur


# JOSEPH G. MOHNANI

INFORMS HIS CLIENTS OF THE OPENING OF

## SPOSABELLA

### 31, REPUBLIC STREET, VALLETTA

SPOSABELLA SPECIALIZES IN THE LATEST FASHION IN BRIDAL MATERIALS AND BRIDAL ACCESSORIES.
ALSO SPECIALIZES IN MATERIALS FOR ALL OCCASIONS (HOLY COMMUNION, BRIDE'S MAIDS, GOING AWAY, EVENINGS, etc.).

SPOSABELLA INFORMS ITS ESTEEMED CLIENTELE OF READY-MADE HOLY COMMUNION DRESSES AND ALSO A LARGE VARIETY OF EMBROIDERED BEDSPREADS.

tiegħu, il-Kappillan Dun Anton Pace. Dawn kienu dawk ta' l-erba' lunetti li juru erba' Protetturi ta' Malta: San Pawl Missierna — "Paulus in Christo Pater": fuq il-ktieb f'idu għandu miktub: "Naufragium pertuli pro Christi nomine — batejt l-għarqa għall-isem ta' Kristu", waqt li fil-parti ta' fuq tal-lemin tidher skuna bil-qlugħ imqatta'; San Pawl jidher iserraħ riġlejh fuq il-ġebla bajda Maltija, u fin-nar, li missirijietna qabbdulu biex jinxef mill-ilma baħar u jisħon xi ftit mill-bard, tidher ħierġa l-lifgħa u tinħaraq ġo fih statwa ta' Hera jew Ġunone;

San Publiju — "Publius Melitae Princeps — Publiju l-Kap ta' Malta", bħal San Pawl huwa Patrun Maġġuri tal-Gżejjer tagħna. Kien il-Gvernatur ta' Malta Rumana u għalhekk fuq fil-parti taxxellug jidhru korazza, alabardi, l-ajkla mperjali u xi kolonni tal-Foro ta' Ruma, waqt li taħt tidher il-lupa tredda lil Romolo u Remo, il-fundaturi u allura simbolu ta' Ruma mal-kliem S.P.Q.R. (Is-Senat u l-Poplu Ruman);

Sant'Agata Verġni u Martri — "Agatha Civitatis Servatrix — Agata li ħelset il-Belt: peress li jingħad li dil-qaddisa minn Katanja-Sqallija, li kienet ħarbet għal Gżiritna biex teħles mill-aġir ħażin tal-Gvernatur t'hemm Quintanu li malajr qatilha meta rritornat fis-sena 251, igħidu li għenet lill-Maltin fis-sena 1429 biex il-Belt tal-Imdina tinħeles mit-Torok. Fuq l-lemin tal-pittura hemm salib biżantin peress li Sqallija fi żmienha kienet tagħmel mar-renju Ruman tal-Lvant, flimkien ma' tarka u vleġeġ tal-martri, għax lilha kienu qatgħulha sidirha li jidhru fuq il-platt f'idha l-leminija malpalma tal-martirju u tal-vittorja f'idha x-xellugija, fuq fix-xellug imbagħad hemm l-Alfa u l-Omega: l-ewwel u l-aħħar ittri tal-alfabet Grieg biex ifisser li Alla hu l-Bidu u t-Tmiem tagħha u tagħna, taħt riġlejha għandha turbant tat-Torok li attakkaw l-Imdina u katina tal-iskjavi Maltin li salvat, u isfel nett hemm it-trinakriju li hu l-arma ta' Sqallija pajjiżha, kif ukoll il-kuruna u l-mant tal-Gvernatur li ddisprezzat; u

San Franġisk minn Pawla — "Franciscus de Paola Patronus", li kien sar ukoll Patrun Minuri taż-Żewġ Gżejjer tgħna skond degriet tal-Papa Beneditt XIV (1740-1758) tal-1 ta' Marzu 1741: San Franġisk kien twieled fil-belt ta' Paola fl-Italja t'Isfel: kien dejjem jippriedka l-IMĦABBA lejn Alla u lejn xulxin, għalhekk għandu l-kelma "CHARITAS" li tfisser IMĦABBA. Sew fuq kemm isfel jidhru armi u simboli tal-Kavallieri li ddefendew ir-Reliġjon bix-xwabel, kanuni u korazzi tal-azzar bħalma San Franġisk iddefendiha fi żmienhom bl-Imħabb: "Deus Charitas est — Alla huwa Mħabba", kien dejjem igħid u jirripeti mill-ewwel ittra ta' San Ġwann, kap. 4, vers 8. Kien dikjarat Patrun Minuri wara talba tal-Gran Mastru Fra Manwel Pinto de Fonseca li kien għadu kemm laħaq fit-18 ta' Jannar u tal-Arċisqof-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan, S.Th.B. (1728-1757).

L-apside ta' fuq l-orgni ġiet iddekorata mill-istess pittur Prof. Emvin Cremona, li hawn tana xena tal-Ġenna b'ħafna Anġli u

Qaddisin b'erba' Anġli minnhom iżommu x-xettru u l-kuruna tan-nisel tar-Re David, flimkien ma' l-istandard tal-Ordni Reliġjuż tal-Kavallieri ta' San Ġwann, jew "Tar-Reliġjon", per antonomasia, għax f'ċerta epoka l-Ordni tagħna, bl-akbar kuraġġ u etntużjażmu reliġjuż, medd għonqu u l-membri tiegħu ċarċru demmhom biex jid-defendu r-Reliġjon ta' Kristu mill-Mislem, u l-bandiera l-oħra tant' ieħor glorjuża u għażiża ta' Malta l-Patrija maħbuba tagħna: it-tnejn bl-abjad tar-ġulija u l-aħmar tal-qlubija jittajru fosthom, igħannu u jeżaltaw lil San Ġużepp: "Te Joseph celebrent agmina Coelitum — Lilek Ġużeppi jfaħħru l-qtajja' tas-Smewwiet" u "Justus ut palma florebit plantatus in domo Domini — Il-Ġust jik-ber bħal palma miżrugħa fid-dar t'Alla" (Samn Nru. 91, vers 13).

Fi żmien il-Kappillan Dun Anton Pace u fi żmien il-prokuratur Dun Anton Abela tkompliet il-pittura tal-knisja mill-istess artist Cremona fl-1958 "It-Tieġ ta' San Ġużepp ma' Marija l-Glorja tie-għu" quddiem il-Qassis il-Kbir, b'fil-ġnub trombettieri jsejħu l-ħad-dara, ħalli jifirħu magħhom u li ġew ma' wliedhom u sa ġabu l-kelb tal-fenek (simbolu ta' pajjiżhom, difatti bl-Ingliż igħidulu "Pharaoh's hounds"), waqt li fiż-żewġ mitri hemm żewġt iħbieb joffru kannestru mimli fjuri u anki tiġieġa, mentri li żewġ qaddejja jferrgħu l-inbid jew xi xorb ieħor minn ġarra kbira tal-fuħħar għal żewġ kartoċċi iżgħar.

It-tieni waħda fis-saqaf tal-korsija turi "Il-Harba tas-Sagra Fa-

KENNEDY

7, MSIDA SEA FRONT,

MSIDA Tel. 36522

PHOTOCOPYING BUREAU

SPECIAL STUDENT'S RATE

milja fl-Eġittu" mwensa mill-Arkanġlu għassies tal-Mulej San Rafel, bir-Re Erodi u bis-suldati tiegħu joqtlu t-trabi, waqt li fiż-żewġ mitri ommijiet jidhru jaħbu lit-tfal żgħar tagħhom biex jeħilsuhom mill-massakru nfami.

Ġesù li ntilfilhom fil-beraħ tal-kampanja (osservaw li hawn l-artist ma għamilx sigar bħal fiż-żewġ pitturi ta' qabel din), waqt li fl-irkejjen hemm numru ta' Dutturi tal-Liġi Lhudija u fir-raba' rokna (l-ewwel fuq il-lemin tal-pittura, mhux ta' min iħares) hemm Ġesù tfajjel ta' 12-il sena jiddiskuti magħhom, mentri fiż-żewġ mitri l-Qassis il-Kbir u iżjed Mgħallmin bil-kotba tal-liġi f'idejhom (Evanġelju ta' San Luqa, kap. 2, vers 48).

Il-Koppla: bejn is-snin 1978 u 82 bil-ħidma tal-Kummissjoni Amministrattiva sar ix-xogħol kollu tal-Koppla. Kienet biċċa xogħol twila u iebsa li tat riżultat mill-isbaħ u hekk għaqqdet is-saqaf kollu tal-knisja. Tirrappreżenta l-"Glorja ta' San Ġużepp", pero' mhux kif soltu nraw pinġuta l-glorja ta' qaddisin oħra, imma f'forma moderna u oriġinali. L-artist Raymond Pitre b'sengħa kbira ried u rnexxielu jurina dawn l-episodji fil-ħajja tal-Qaddis tagħna:

**San Ġużepp ikisser l-irbit tal-mewt:** Dal-ħsieb huwa ffigurat permezz ta' żewġ deffiena mgħaġġba u skantati b'Ġużeppi tiela' s-Sema b'taħtu l-liżar tal-kefen imqatta'; ħafna għorrief tal-Knisja jżommu li San Ġużepp tela' s-Sema bir-ruħ u bil-ġisem u li kien wieħed minn dawk il-qaddisin li rxuxtaw wara l-qawmien ta' Ġesù, u li dehru lil bosta nies fil-belt imqaddsa ta' Ġerusalem, kif jikteb il-Vanġelu ta' San Mattew, kap. 27, versi 53 u 54.

Naraw ukoll lil **Ġesù u Marija jitpaxxew bil-figura simpatika u umli ta' San Ġużepp waqt li jarawh tiela' fil-glorja** biex jieħu l-ħlas ta' Missier-putattiv ta' Ġesù.

**Il-Patrijarki:** Abram, Iżaak, Ġakobb u l-bqija tal-Patrijarki kollha kienu joħolmu bil-Messija Mwiegħed: kemm xtaqu jarawH. Ġesù stess qal: "Abram tniegħed biex jara jum wieħed minn tiegħi..." Imma l-Patrijarka Ġużeppi mhux biss raH, imma ħa ħsiebU għal 30 sena sħaħ, ħadem u bata għaliH u rabbieH b'tant għożża u mħabba fil-waqt li kien jaduraH bħala Alla tiegħu.

**David ukoll iħares mistagħġeb bl-arpa tas-salmi**, isserraħ ma' wieħed mill-flieli. Fil-persuna ta' David, Sultan tal-Lhud, hemm miġbura d-dinastija Lhudija kollha. Imma f'David hemm miġbura wkoll il-Profeti tal-Antik Testment li ħabbru fuq Kristu u l-Knisja tiegħu.

Ġużeppi kien ġej mir-razza tar-Re David, mela kien nisel is-Slaten: infatti hekk sejjaħlu l-Arkanġlu: "Ġużeppi bin David, la tibżax tieħu b'martek lil Marija......"

Is-Saċerdozju ta' l-Antik Testment kien xbieha tas-Saċerdozju tal-Ġdid Testment: Saċerdozju aktar perfett, Saċerdozju dejjiemi skond l-Ordni ta' Melkisedek, mhux bħas-saċerdozju ta' Aaron,

Abjatar u Sadoq li ntemmu, imma bħal tal-Midluk tal-Mulej li jibqa' għal dejjem.

Mas-Saċerdoti hemm il-Leviti lebsin bojod li jaqdu fit-tempju tal-Mulej bħala rappreżentanti tar-Reliġjon Możajka.

Magħhom mal-flieli hemm il-figura simpatika ta' Ġużeppi, l-iben żagħżugħ ta' Ġakobb, iħares mistagħġeb ta' min kellu jkun ix-xbieha, ftakru fl-"Ite ad Joseph — Morru għandu Ġużeppi" lill-Eġizzjani tal-qedem u lilna l-Insara rispettivament.

L-Ispirtu Santu jsejjaħ lil Ġużeppi, l-għarus ta' Marija ,raġel Ġust (ara: l-Evanġelju ta' San Mattew, kap. 1, vers 19), jiġifieri mimli bil-virtujiet, l-akbar fosthom huma l-Fidi, it-Tama u l-Imħabba. Hawn il-pittur għoġbu jurina l-qdusija kbira ta' San Ġużepp u l-virtujiet li bihom kien imżejjed taħt dawn is-simboli:

**Il-Virtù tal-Imħabba** hija rappreżentata minn familja: Missier, Omm b'tarbija u mdawrin b'uliedhom.

**Il-Virtù tat-Tama:** F'dan il-kwadru naraw missier iserraħ idu fuq ibnu bħala t-Tama tiegħu f'dak kollu li jist' jiġrilu bl-inkwiet tad-dinja u speċjalment fix-xjuħija; waqt li żagħżugħ jitbaxxa biex isib dak li waqgħalu mimli b'tama li jsibu.

**Il-Virtù tal-Fidi**: F'din il-parti naraw raġel għama mmexxi minn ommu u mdawwar mill-familja tiegħu li fihom għandu fidi sħiħa li


# G. & S. FALZON LTD.,

New Street in Old Mill Street,
QORMI

SUPPLIERS OF:-

## MURISAN PAINTS,
## BATHROOM SUITES,
## CERAMIC TILES & HARDWARES

Tel:- 42514
47640



**Dehra tal-Koppla mpinġija mill-artist Raymond Pitrè.**

jmexxuh fit-tajjeb biss: għalhekk ingħidu li bniedem ikollu fidi għamja f'dak li jkun.

Meta tħares lejn il-koppla bħala ħaġa sħiħa tara lil kulħadd iċċassat iħares lejn San ĠUŻEPP li kisser l-elementi tal-mewt u tiela' s-Sema fejn qiegħed jistenna lil kull wieħed u waħda minna li tassew inħobbu lilu u lil Ġesù u Marija li huma l-Glorja tiegħu.

Għalhekk bit-tmiem tax-xogħol tal-pittura fil-koppla, is-saqaf tal-Knisja Parrokkjali tal-Imsida joffri dehra artistika mill-isbaħ mimlija kuluri u lwien li jgħaxxqu u jpoġġi dan ix-xogħol kollu wieħed fost l-aqwa tal-Gżira Maltija.

---

**Hajr lill-Artist Raymond Pitrè li offra Pittura tal-Ewwel Kappillan Mons. Salv. Caruana biex titqiegħed fis-sagristija u lil Dr. John Rizzo Naudi M.D. M.P., li offra żewġ gandilabri tal-bronz biex jintużaw fuq l-artal maġġur.**

# Blokrete

## BUILDING CONTRACTORS

MANUFACTURERS OF:

**All kinds of hollow Concrete Blocks**

**OMNIA Roof Planks & Roof Blocks**

**Decorative Screen Blocks, and**

**suppliers of sand & aggregate**

## BLOCKRETE LIMITED

MOSTA ROAD, LIJA.

TELEPHONE: 41850

# INVICTA

## GHAR-DAR MODERNA

* Kmamar tas-Sodda
* Kmamar tal-Ikel
* Cupboards tal-Kċejjen
* Imwejjed u Siġġijiet
* Spare Bedrooms
* Salotti

Uffiċċju u Fabbrika:

MISRAĦ IL-BARRIERI MSIDA

Showrooms:

Marina Str., Gżira; Valletta Rd., Mosta
The Strand, Sliema; Paola Sqr., Paola
Telephones: 606440 - 626651 - 606593

JAGĦMLU WKOLL:

Siġġijiet tat-Tfal — Shopping Carriers —
Slielem Forċi — Baby Cots u High Chairs
Ironing Boards — Step-Stools

## L-AQWA GĦAMARA MALTIJA

# INVICTA



maħruġ mill-Kummissjoni Amministrattiva
Parroċċa San Ġużepp — Msida

Stamperija "Il-Ħajja"